MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Appell Civili Numru. 1401/2002/1

**European Enterprises Ltd.**

**v.**

**Falcon Investments Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu s-socjetà attrici, wara illi ppremettiet illi hija l-proprjetarja tal-fondi *ossia flats* bin-

numri 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30 u 31, kif ukoll tal-*garage* internament immarkat bhala 31A gewwa Wentworth Court, San Andrea Estate gewwa San Gwann; illi s-socjetà konvenuta qieghedha tivvanta pretensjoni fis-sens illi ma tridx thalli lis-socjetà attrici taghmel uzu mill-partijiet komuni, inkluz is-*swimming pool*, ta' l-istess kumpless *stante* illi, skond l-istess socjetà konvenuta, is-socjetà attrici m'ghandha l-ebda jedd validu fil-ligi taghmel dana hekk kif jindika(w) id-dokumenti annessi u mmarkati Dokumenti 'NG1' sa 'NG4'; illi l-Artikolu 403 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi '*Meta f'atti gudizzjarji, jew xort'ohra bil-miktub, persuna tippretendi li ghandha xi jedd, il-parti li trid tehles din il-pretensjoni, titlob, b'citazzjoni, li jigi moghti zmien lill-persuna li ppretendiet li ghandha dak il-jedd, biex iggib 'il quddiem b'kawza dik il-pretensjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan jigi lilha impedut li tagixxi qatt izjed ghal dik il-pretensjoni*'; illi l-Artikolu 404 ta' l-istess Kapitolu jipprovdi li dak iz-zmien ma jistax ikun izjed minn tliet xhur; talbet ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. taghti lis-socjetà konvenuta zmien ta' mhux izjed minn tliet xhur biex fih iggib 'il quddiem b'kawza dik il-pretensjoni; 2. fin-nuqqas illi s-socjetà konvenuta tosserva t-terminu hawn fuq indikat u lilha prefiss timponi fuqha skiet perpetwu; bl-ispejjez u bir-rapprezentanti u diretturi tas-socjetà konvenuta ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà attrici, guramentata minn Nick Galea, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta illi biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* (illi) ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti mill-ligi sabiex tigi proposta azzjoni ta' jattanza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici kif proposta hija inammissibbli *stante* li l-istess ligi tipprospetta sitwazzjoni inversa ghal dik esistenti u attwali bejn il-kontendenti u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors tas-sena perentorja kif stipulat mill-ligi, ta' l-allegati pretenzjonijiet u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà konvenuta titlob l-isfilz tad-dokument NG4 ezebit mis-socjetà attrici *stante* li ma ghandu ebda konnessjoni mal-kwistjoni prezenti u kif spjegati fl-istess kawzali tac-citazzjoni attrici. Kif jirrizulta mill-annessi dokumenti JF2 sa JF5, is-socjetà konvenuta qed tiehu azzjoni quddiem l-awtorità kompetenti li hija l-*Malta Environment & Planning Authority* dwar din il-kwistjoni separata;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez *stante* (illi) huma frivoli u vessatorji intizi unikament biex idejjqu lill-eccipjenti u sabiex jezercitaw pressjoni sabiex dina tbiegh parti mill-propjetà taghha, u dana kif jirrizulta mill-annessi dokumenti ezebiti bhala Dok JF1 u JF6;
Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta, guramentata minn Anthony Falzon, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat is-sentenza *in parte* tad-disgha (9) ta' Marzu, 2005 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
"… tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta hlief kif provdut u tilqa' t-talbiet attrici fir-rigward tal-partijiet komuni izda mhux fir-rigward tas-*swimming pool* fejn qed tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti u ghalhekk;

1. Taghti zmien ta' tlett xhur lis-socjetà konvenuta biex tressaq il-pretensjoni taghha fir-rigward tal-partijiet komuni tal-proprjetà imsemmija *eccetto* s-*swimming pool*;

2. Fin-nuqqas li jigi osservat dan it-terminu, tigi kkundannata ghall-perpetwu silenzju fir-rigward.

Decizjoni dwar il-kap ta' l-ispejjez tinghata meta jiddekorri t-terminu imsemmi";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"Illi kjarament din hija azzjoni ta' millantazzjoni fejn is-socjetà attrici qed titlob li jigi ffissat zmien lill-konvenuti biex jipproponu l-azzjoni taghhom *entro* z-zmien imsemmi mil-Ligi u fin-nuqqas jigu kkundannati ghall-perpetwu silenzju.

"Jidher li l-fatti li taw lok ghall-kawza kienu dawn. Is-socjetà attrici hija proprjetarja ta' numru ta' appartamenti f'San Gwann. Is-socjetà konvenuta fil-11 ta' Frar, 2002 ippresentat protest kontra l-atturi fis-sens li nterpellawhom biex jiddezistu milli jaghmlu pretensjonijiet fir-rigward ta' l-uzu tal-partijiet komuni u s-*swimming pool* li hemm fil-korp ta' appartamenti in kwistjoni. L-atturi rrispondew b'kontro-protest relattiv fil-21 ta' Frar, 2002. Ezatt xahar wara l-konvenuti baghatu ittra ufficjali bl-istess skop u billi milli jidher l-atturi ostakolaw il-passagg tal-bejt, baghatulhom ittra ufficjali ohra fis-7 ta' Ottubru, 2002. L-atturi mbaghad fethu l-kawza f'Dicembru ta' l-istess sena.

"Din il-Qorti ricentement kellha okkazjoni telenka l-elementi rikjesti biex azzjoni simili tirnexxi fil-kawza fl-ismijiet _Zammit vs Gatt_ deciza fis-7 ta' Jannar, 2005.

"Dawn huma:

a. L-attur irid ikollu pussess, almenu *de facto* u *prima facie* ta' l-oggett li jkun qed jikkawtela (Vol XX-II-338).

b. Il-konvenut ikun bil-miktub ressaq pretensjoni fuq l-oggett (Vol XXXII-II-287 u XLII-II-1146).

c. Il-pretensjoni trid tkun spontanea u mhux provokata bl-agir ta' l-attur - Vol XXIV-II-358 u XXXI-I-494 u _Madliena Developments Limited vs Ufficcju Kongunt_ (Prim Awla - 6 ta' Frar, 2004).

d. Il-pretensjoni trid ikollha l-karattru li tista' tigi esercitata b'azzjoni gudizzjarja (Vol XXXIII-II-287).

e. Il-millantazzjoni jkollha skop determinabbli, specifiku jew kapaci li jigi specifikat (l-istess kawza indikata f'd).

f. Il-pretensjoni ma ghandhiex tkun kondizzjonata jew tiddependi minn fatt li jista' jigri u ma jigrix (Vol XVI-II-85 u XXI-I-6).

"Dawn il-kondizzjonijiet jew rekwiziti gew precedentement elenkati fil-kawza Tabone vs Galea (Prim Awla - 11 ta' Dicembru, 2003).

"Il-konvenuti qed jeccepixxu li ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti ghall-azzjoni ta' jattanza u ghalhekk dawn ser jigu ezaminati kollha.

"L-ewwel element hu tal-pussess da parti ta' l-attur. Dan hu mportanti hafna ghaliex jekk ma jirrizultax, jonqos il-*mens legis* ta' din l-azzjoni. Dan l-element jidher li huwa ghall-inqas parzjalment sodisfatt ghaliex fl-ahhar ittra ufficjali taghhom, il-konvenuti interpellaw lill-atturi biex inehhu xi ostakoli ghall bejt - sinjal evidenti illi l-atturi ghandhom il-pussess fis-sens li qed juzaw - forsi a spejjez tal-konvenuti, ghall-inqas partijiet mill-ambjenti in kwistjoni. Qed jinghad dan ghaliex ix-xhud Nick Galea, direttur tas-socjetà attrici, a Fol 13 tal-process qal '*I was using the pool and defendant company has stopped me from using it and the common parts*'. Ghalhekk wiehed irid jesamina l-kontenut ta' l-atti gudizzjarji biex jasal ghal konkluzjoni dwar dan. Il-konvenuti fl-ewwel protest interpellaw lill-atturi biex '*jiddesisti jimmolesta il-jedd ta' proprjetà ta' Falcon Investments Limited*', ghaliex skond huma l-attur kien qed '*jippretendi dritt ta' uzu tal-partijiet komuni u s-swimming pool*.' Meta l-atturi rrispondew qalu hekk: '*tiddifida lis-socjetà intimata milli b'xi mod tostakola jew tfixkel id-dritt ta' uzu …*'. Sa dan l-istadju allura wiehed jifhem li l-attur kien ghadu qed juza l-partijiet in diskussjoni. L-ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu, 2002 hija ripetizzjoni tal-protest, izda din id-darba l-konvenuti spjegaw b'iktar dettal ir-raguni ghaliex kienu qed jaghmlu

l-allegazzjoni taghhom. Fl-ittra ufficjali tas-7 ta' Ottubru, 2002 imbaghad il-konvenuti spiccaw l-intimazzjoni taghhom hekk: '*il-mittenti mhux ser ikollu ebda ghazla ohra hlief jiehu azzjoni fil-Qrati tal-Gustizzja jekk dan id-dritt ta' access mhux ser jigi re-integrat*.' Hawnhekk fl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti allegaw li din ma kellha x'taqsam xejn mal-vertenza u talbu l-isfilz, izda l-Qorti qed tichad din it-talba ghaliex fil-fehma taghha il-bejt huwa parti komuni u ghalhekk jinkwadra fit-talbiet attrici.

"Dwar is-*swimming pool* is-sitwazzjoni m'hijiex cara u ma giex sodisfacentement provat li l-attur ghandu l-pussess effettiv, anzi jidher li qed jigi mpedut milli juzaha. Ghalhekk f'dan ir-rigward din l-azzjoni m'hijiex indikata.

"It-tieni element u cioè li l-pretensjoni tal-konvenut tkun saret bil-miktub jirrizulta manifestament bil-presentata ta' l-atti gudizzjarji msemmija.

"It-tielet element gie li jigi traskurat izda huwa importanti. Fuq skorta konsistenti ta' gurisprudenza - ara l-kawza Madliena Developments Limited vs Ufficju Kongunt fuq imsemmija - meta l-attur ikun ipprovoka l-kwistjoni hu stess ma jistax jipprevalixxi ruhu minn din l-azzjoni. Kif gie ritenut ukoll fil-kawza deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru, 1999 (Buhagiar vs Busuttil):

"*"Meta l-attur mexxa jew gieb 'il quddiem kontra l-konvenut xi pretensjoni u dan biex jillibera ruhu minn dik il-pretensjoni, igib raguni ghaliex qed jirrespingi dik il-pretensjoni, allura d-dikjarazzjoni ma tkunx izjed wahda spontanja imma tassumi kwalità ta' dikjarazzjoni ta' dritt provokata. Il-konvenut f'kazijiet bhal ta' l-ahhar ikun qed jesercita d-drittijiet tieghu*.

"Dan gie spjegat ukoll fil-kawza fl-ismijiet Vella v. Micallef deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru, 1958 fejn intqal:

"*"…biex ikun hemm lok ghall-gudizzju ta' jattanza jehtieg li l-allegazzjoni tkun spontanja u mhux provokata, b'mod li jekk l-allegazzjoni issir ghall-konservazzjoni jew ghad-*

*difiza ta' drittijiet minn persuna … anke merament interpellata b'att gudizzjarju, ma tikkostitwixxix jattanza u ma jaghtix lok ghar-rimedju eccezzjonali ta' jattanza*.

"F'dan ir-rigward jidher li l-iskambju ta' ittri nbeda mill-konvenuti u ghalhekk dan ir-rekwizit jirrizulta ukoll fil-fehma tal-Qorti. L-attur ressaq il-prova f'dan is-sens u din il-prova ma gietx ribattuta mill-konvenuti.

"L-ahhar tlett rekwiziti jirrizultaw billi l-konvenuti jistghu jipproponu l-azzjoni gudizzjarja li jkollha skop specifiku u minghajr ebda kondizzjoni.

"Rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-Artikolu 403 jispecifika li l-azzjoni ta' millantazzjoni trid issir fi zmien sena minn meta ssir il-pretensjoni u ghalhekk billi l-ewwel pretensjoni saret fi Frar 2002 u l-kawza saret f'Dicembru ta' l-istess sena, din l-eccezzjoni m'hijiex fondata."

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjetà attrici illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet:
"… illi dina l-Onorabbli Qorti … joghgobha tvarja u timmodifika s-sentenza moghtija fid-9 ta' Marzu 2005 … u dana billi tikkonferma dik il-parti taghha fejn laqghet it-talbiet attrici billi tat zmien tlett xhur li fih is-socjetà konvenuta-appellata trid tressaq il-pretensjoni taghha fir-rigward tal-partijiet komuni u timmodifika dik il-parti tas-sentenza fejn eskludiet is-*swimming pool* u dana billi tilqa' t-talbiet attrici anke ghar-rigward tas-*swimming pool* u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi-appellati [*sic*]";

Rat ir-risposta ta' l-appell tas-socjetà konvenuta illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi l-appell interpost mis-socjetà attrici appellanti jigi michud;

Rat <u>l-appell incidentali</u> tas-socjetà konvenuta illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet hekk:
"…illi dina l-Onorabbli Qorti … joghgobha tvarja u timmodifika s-sentenza moghtija fid-disgha (9) ta' Marzu elfejn u hamsa (2005) … u dana billi tikkonferma dik il-parti taghha fejn cahdet it-talba attrici rigward is-*swimming*

*pool* u timmodifika dik il-parti tas-sentenza fejn laqghet it-talbiet attrici u tat zmien ta' tlett xhur lis-socjetà esponenti biex tressaq il-pretensjoni taghha fir-rigward tal-partijiet komuni tal-proprjetà imsemmija u dan billi tichad it-talbiet kollha anki f'dan ir-rigward bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra European Enterprises Limited";

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat dwar l-appell principali:

Illi fir-rikors ta' appell taghha s-socjetà attrici tghid illi "l-aggravju" taghha kontra s-sentenza appellata "huwa wiehed". Minn qari akkurat ta' l-istess rikors ta' appell jirrizulta illi dan l-aggravju huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti ma laqghetx it-talba tas-socjetà attrici ghal dak illi jirrigwarda s-*swimming pool* in kwistjoni ghaliex ikkonkludiet hazin illi, fi kliem is-sentenza appellata (fol. 107):
"Dwar is-*swimming pool* is-sitwazzjoni m'hijiex cara u ma giex sodisfacentement provat li l-attur [*recte*: s-socjetà attrici] ghandu l-pussess effettiv, anzi jidher li qed jigi mpedut milli juzaha. Ghalhekk f'dan ir-rigward din l-azzjoni m'hijiex indikata"

Is-socjetà attrici appellanti issostni illi hija irnexxielha tipprova illi ghandha pussess tas-*swimming pool*;

Jidher, ghalhekk, illi l-aggravju tas-socjetà attrici, fis-sustanza, jammonta ghal sottomissjoni illi, kwantu ghad-determinazzjoni ta' jekk l-istess socjetà ghandhiex pussess tas-*swimming pool* jew le, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. Dan l-apprezzament l-ewwel Qorti ghamlitu fis-segwenti silta mis-sentenza appellata (fol. 106-7):
"…ix-xhud Nick Galea, direttur tas-socjetà attrici, a fol. 13 tal-process qal '*I was using the pool and defendant company has stopped me from using it and the common parts*'. … Il-konvenuti fl-ewwel protest interpellaw lill-atturi biex '*jiddesisti jimmolesta il-jedd ta' proprjetà ta'*

*Falcon Investments Limited*', ghaliex skond huma l-attur kien qed '*jippretendi dritt ta' uzu tal-partijiet komuni u s-swimming pool*.' Meta l-atturi rrispondew qalu hekk: '*tiddifida lis-socjetà intimata milli b'xi mod tostakola jew tfixkel id-dritt ta' uzu …*'. Sa dan l-istadju allura wiehed jifhem li l-attur kien ghadu qed juza l-partijiet in diskussjoni. L-ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu, 2002 hija ripetizzjoni tal-protest, izda din id-darba l-konvenuti spjegaw b'iktar dettal ir-raguni ghaliex kienu qed jaghmlu l-allegazzjoni taghhom. Fl-ittra ufficjali tas-7 ta' Ottubru, 2002 imbaghad il-konvenuti spiccaw l-intimazzjoni taghhom hekk: '*il-mittenti mhux ser ikollu ebda ghazla ohra hlief jiehu azzjoni fil-Qrati tal-Gustizzja jekk dan id-dritt ta' access mhux ser jigi re-integrat*.' Hawnhekk fl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti allegaw li din ma kellha x'taqsam xejn mall-vertenza u talbu l-isfilz, izda l-Qorti qed tichad din it-talba ghaliex fil-fehma taghha il-bejt huwa parti komuni u ghalhekk jinkwadra fit-talbiet attrici. Dwar is-*swimming pool* is-sitwazzjoni m'hijiex cara u ma giex sodisfacentement provat li l-attur ghandu l-pussess effettiv, anzi jidher li qed jigi mpedut milli juzaha. Ghalhekk f'dan ir-rigward din l-azzjoni m'hijiex indikata" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dina l-Qorti ma tistax tifhem kif l-ewwel Qorti, wara illi affermat illi "Sa dan l-istadju [*i.e.* sal-21 ta' Frar, 2002, id-data meta s-socjetà attrici, permezz ta' kontro-protest (fol. 9-10), irrispondiet ghall-protest gudizzjarju intavolat mis-socjetà konvenuta fil-11 ta' Frar, 2002 (fol. 6)] … wiehed jifhem li l-attur kien … qed juza l-partijiet in diskussjoni", waslet ghall-konkluzjoni illi s-socjetà konvenuta ma ghandhiex il-pussess effettiv tas-*swimming pool*. Dina l-Qorti anqas ma tista' taqbel ma' dak illi jidher illi qed timplika l-ewwel Qorti bil-kliem "anzi jidher li l-attur [jew, ahjar, is-socjetà attrici] qed jigi mpedut milli juzaha [*i.e.* s-*swimming pool*]", jigifieri illi l-fatt illi s-socjetà konvenuta qed tinterpella lis-socjetà attrici sabiex tiddesisti - pjuttost milli timpediha - milli tuza s-*swimming pool* ifisser illi s-socjetà attrici ma ghandhiex pussess ta' l-istess. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-oppost huwa l-kaz; il-fatt illi s-socjetà konvenuta qed tinterpella lis-socjetà attrici sabiex tiddesisti milli taghmel uzu mis-*swimming pool* jimplika illi

l-ahhar imsemmija socjetà kellha tas-*swimming pool* dak il-pussess mehtieg ghall-finijiet ta' l-azzjoni odjerna;

*Inoltre*, fil-fehma ta' dina l-Qorti, dan l-ahhar imsemmi pussess jirrizulta ukoll mis-segwenti silta mill-kuntratt illi kopja tieghu hija esibita a fol. 35 sa 39 tal-process (dok. NG5);
"*Purchaser* [is-socjetà attrici] *shall have the rights of use … of the … swimming pool area*";

In vista ta' l-ahhar imsemmija konsiderazzjoni, dak illi jinghad fil-paragrafi 'a', 'b' u 'c' tar-risposta ta' l-appell ma jimmeritax aktar konsiderazzjoni;

Dina l-Qorti ma taqbilx ma' l-asserzjoni tas-socjetà konvenuta maghmula fil-paragrafu 'd' tar-risposta ta' appell illi "ma jirrizultax fl-atti tal-kawza li s-socjetà appellata qed tippretendi xi dritt". Infatti, mill-protest gudizzjarju hawn fuq imsemmi (fol. 6) jirrizulta car illi s-socjetà konvenuta qed tippretendi illi <u>ghandha d-dritt</u> izzomm lis-socjetà attrici milli taghmel uzu mis-*swimming pool*;. Minn dan isegwi illi dak illi qed tissottometti s-socjetà konvenuta fil-paragrafi 'f', 'g' u 'h' ma huwiex validu;

Ghar-ragunijiet hawn moghtija hemm lok ghall-akkoljiment ta' l-aggravju in ezami tas-socjetà attrici u ghall-konsegwenzjali akkoljiment tat-talbiet attrici kwantu dawn jirrigwardaw is-*swimming pool*;

Ikkunsidrat dwar l-appell incidentali tas-socjetà konvenuta:

Permezz ta' l-appell incidentali taghha s-socjetà konvenuta qed titlob illi, fi kliem l-appell incidentali (fol. 128):
"…dina l-Onorabbli Qorti ta' l-appell joghgobha … timmodifika dik il-parti tas-sentenza fejn laqghet it-talbiet attrici u tat zmien ta' tlett xhur lis-socjetà esponenti biex tressaq il-pretensjoni taghha fir-rigward tal-partijiet komuni tal-proprjetà imsemmija u dan billi tichad it-talbiet kollha … f'dan ir-rigward bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra European Enterprises Limited";

Minn ezami tas-sottomissjonijiet illi ghamlet is-socjetà konvenuta fl-appell incidentali taghha in sostenn tal-“modifika” minnha mitluba dwar il-“partijiet komuni” jirrizulta illi s-socjetà konvenuta qed tikkontendi illi fis-sentenza appellata ma kienx hemm lok ghal provvediment dwar dawn il-“partijiet komuni” ghaliex fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti il-vertenza relativa giet rizolta bonarjament mis-socjetajiet kontendenti, fi kliem l-appell incidentali (fol. 127):
“…fil-hdax (11) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) u dan permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Margaret Heywood (Dok Falcon 1)...”;

Dan l-appell incidentali huwa manifestament infondat ghaliex fost l-atti processwali - kemm kif kienu sakemm giet pronunzjata s-sentenza appellata u kemm illum - la hemm “Dok Falcon 1” u lanqas xi kuntratt - jew kopja legali tieghu - pubblikat min-Nutar Margaret Heywood fil-11 ta’ Lulju, 2003. Ghall-kompletezza, tajjeb illi jinghad illi mill-atti processwali ma jirrizulta b’ebda mod illi l-vertenza ta’ bejn is-socjetajiet kontentendenti dwar il-“partijiet komuni” giet bonarjament - jew b’xi mod iehor - rizolta; ghalhekk l-appell incidentali jirrazenta l-fieragh;

Ghal dawn il-motivi tirrespingi l-appell incidentali tas-socjetà konvenuta u tipprovdi dwar l-appell principali tas-socjetà attrici billi tirriforma s-sentenza appellata:

(i) billi, fejn ipprovdiet dwar l-ewwel (1) talba attrici, tirrevoka l-kelma “*eccetto*” u, minflok, izzid il-kelma “inkluz”;

(ii) billi tikkonfermaha ghall-kumplament b’dan illi t-terminu ta’ tliet (3) xhur stabbilit ghandu jibda jiddekorri mil-lum;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza, kemm ta’ l-appell principali u kemm ta’ l-appell incidentali, jigu sopportati kollha mis-socjetà konvenuta;

Tordna ukoll illi l-atti jigu rinvijati lill-ewwel Qorti ghall-eventwali determinazzjoni tal-kap ta’ l-ispejjez ta’ l-ewwel istanza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------